MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 571/1998/1

**Thomas u Cettina konjugi Zahra, l-istess Thomas Zahra ghan-nom tal-assenti Mary mart Sam Kookulanos bhala mandatarju taghha, u Carmel Busuttil u Joseph Zahra**

**v.**

**Raymond u Doreen konjugi Parnis**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment li qed jinghata dwar il-validita` tas-sentenza tal-ewwel Qorti fid-dawl tal-fatt li fl-*occhio* tas-sentenza l-isem tal-attrici Mary Zahra gie indikat

hazin, u l-korrezzjoni li kienet giet awtorizzata biex din il-persuna tigi indikata korrettement ma gietx riflessa fis-sentenza.
Din il-Qorti, b'decizjoni tal-31 ta' Jannar 2011, kienet cahdet talba ghall-korrezzjoni mitluba fl-*occhio* tas-sentenza, u dan peress li din il-Qorti ma tistax tikkorregi atti mahruga minn jew li gew ipprezentati quddiem l-ewwel Qorti;

Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tannulla s-sentenza tal-ewwel Qorti. L-*occhio* ta' kawza huwa importanti, peress li s-sentenza torbot biss lill-partijiet kif indikati fl-*occhio* tal-kawza, u jekk persuna ma tkunx indikata fl-*occhio* tas-sentenza (anke ghaliex giet indikata hazin), dik il-persuna tkun tista' tallega li mhux marbuta bis-sentenza. Ghalhekk, hu importanti li kull min ikun parti fil-kawza jigi indikat bid-designazzjoni tieghu preciza. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Vella v. Pace**, deciza fl-20 ta' Marzu 1989, l-*occhio* jrid jirrifletti l-partijiet kollha fil-kawza, u kompliet izzid illi:

*"Issa l-Qorti tal-Appell ma tistax tikkorregi zball fl-isem tal-partijiet fi skrittura pprezentata fl-ewwel istanza; f'kontingenzi simili, is-sentenza tal-ewwel grad ghandha tigi annullata. (Vol. XLII.1.64)"*

Ghalhekk, din il-Qorti hija kostretta tannulla s-sentenza tal-ewwel Qorti u tibghat lura l-atti ghall-quddiem dik il-Qorti biex occorrendo issir il-korrezzjoni mehtiega u ghall-kontinwazzjoni jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, thassar u tannulla s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Ottubru 2008, u tibghat l-atti tal-kawza lura ghall-quddiem dik il-Qorti biex din tirregola ruhha skont il-ligi.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjez kollha tal-kawza inkorsi sa issa quddiem din il-Qorti (inkluzi dawk marbuta mas-sentenza tal-31 ta' Jannar 2011) jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------